**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Novembru, 2016

Rikors Nru : 278/16 AL

AB

**vs**

Dr. Joseph Ellis u l-P.L. Nicolette Aquilina nominati b'digriet tas-27/7/2016 bhala kuraturi illi qeghdin jidhru ghan-nom u in rapprezentanza ta' CD.

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li gie kkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti waqt is-seduta, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti kkontrattaw iz-zwieg fis-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghaxra (2010);
2. Illi l-imsemmija konjugi sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Robert Micallef fis-sbatax

(17) ta' Mejju tas-sena elfejn u hdax (2011) – dokument hawn anness u mmarkat Dok. 'A';

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti u ma hemm l-ebda kwistjoni dwar manteniment bejniethom
4. Illi dawn il-fatti jissodisfaw il-kondizzjonijiet mehtiega skont l-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab lil din il-Qorti sabiex :

1. Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna lir-Registratur sabiex fi zmien imholli javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku b'dan id-divorzju sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati Dr Joseph Ellis u il-PL Nicholette Aquilina, li permezz taghha eccepew :

1. Illi huma, fil-kwalita' taghhom ta' kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti CD Jr. mhumiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina il-kawza u ghaldaqstant, jirriservaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri aktar 'il quddiem;
2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-31 ta' Ottubru, 2016;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-17 ta' Mejju 2011 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.